KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNIJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

**Brussell, 27 ta' Settembru 2024**
**(OR. fr)**

PUBLIC

**13841/24**

**LIMITE**

**JUR 478**
**INST 336**
**COUR 52**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja |

**DEĊIŻJONI (UE) 2024/…**
**TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI**

**ta' …**

**li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja**

PUBLIC

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' tlettax-il Imħallef u ħames Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2024.

(2) Jenħtieġ li jkun hemm ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perjodu li jibda mis-7 ta' Ottubru 2024 u li jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2030.

(3) Fdan il-kuntest, ġie propost it-tiġdid tal-mandat tas-Sur Andreas KUMIN bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

Is-Sur Andreas KUMIN huwa b'dan maħtur Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mis-7 ta' Ottubru 2024 sas-6 ta' Ottubru 2030.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Il-President*

PUBLIC